# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 170/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Camilleri talli (**1**) f'dawn il-Gzejjer, fit-8 ta' Gunju, 1998 u matul ix-xaharejn qabel din id-data, ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101, kif ukoll (**2**) talli fl-istess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena tordna l-hlas ta' l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Anthony Camilleri hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (bir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni assorbit fir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni) u kkundanntu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' mitejn lira (Lm200); dik il-qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga ezibita a kura tal-ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Anthony Camilleri, minnu ppresentat fis-26 ta' Settembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant mhux jikkontesta l-imputazzjoni tal-pussess tal-cannabis; hu jikkontendi, izda, li f'dan il-kaz ma jikkonfigurax ir-reat ta' koltivazzjoni tal-cannabis, u li konsegwentement il-piena ghandha tigi varjata.

Din il-Qorti taghmilha cara li tikkonsidra dana l-appell bhala wiehed fieragh. Mill-provi jirrizulta li l-appellant kien sab ammont zghir ta' zerriegha tal-cannabis. Li hu kien jaf li din kienet zerriegha tal-cannabis jirrizulta car kemm mill-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija (fol. 34) kif ukoll mid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti (fol. 47). Huwa zera' din iz-zerriegha u beda jsaqqiha regolarment. Minnha nibtu xi tlett xtieli. Minn dawn ix-xtieli gie li ha xi ftit weraq, nixxifhom u anke pejjiphom (ma hux car jekk dawn il-weraq hadhomx qabel ma qala' l-pjanti mill-qasrija -- fejn kien hemm anke gizimina -- jew wara li kien hekk qalaghhom). Meta l-pjanti kienu lahqu xi pied jew pied u nofs tul, huwa beza' jhallihom fejn kienu u ghalhekk qalaghhom u rema' z-zkuk. L-appellant jippretendi li l-operat tieghu jammonta ghal tentattiv ta' koltivazzjoni bid-desistenza volontarja fit-termini tal-Artkolu 41(1)(b) tal-Kodici Krminali. Kif inghad, dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh, intiz unikament biex itellef iz-zmien ta' din il-Qorti. Malli l-appellant zera' imqar zerriegha wahda germinabbli fil-qasrija tal-gizimina u beda jsaqqiha, u din iz-zerriegha wahda nibtet (anke jekk fil-wicc tal-hamrija ma kien jidher xejn), kien hemm ir-reat ikkunsmat ta' koltivazzjoni, u ghalhekk wiehed ma jistax jitkellem aktar dwar tentattiv ta' koltivazzjoni. Dak li ghamel l-appellant kien semplicement li pprova jahbi jew jiddistruggi l-korp tad-delitt. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 jipparifika, ghall-finijet ta' piena, it-tentattiv ta' kull reat taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi mar-reat ikkunsmat, b'mod ghalhekk li fir-rigward ta' din il-ligi specjali jintilfu l-beneficcji kollha kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fit-termini ta' l-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni fl-kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep.Registratur